MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2011

Numru 41/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Analise Galea**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 41 tas-sena 2009 kontra l-akkuzata Analise Galea li bih hija ġiet akkużata talli:

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fit-tnax (12) ta' Awwissu tas-sena elfejn u seba' (2007), għall-ħabta tat-tlieta nieqsin għaxra ta' filgħodu (2.50 am), Analise Galea kienet waslet id-dar mill-post tax-xogħol tagħha, 'Charles Bar'. Hekk kif daħlet id-dar, missierha, Paul Galea staqsiha fejn kienet u hi rrispondiet illi kienet qegħda x-xogħol. It-tnejn qabdu jargumentaw u kif rat hekk, Analise Galea fetħet il-kexxun, fejn iżommu l-frieket u l-imgħaref fost l-oħrajn, qabdet strument li jaqta' jew iniggeż, u ċioe` sikkina mdaqqsa, u dolożament, bil-ħsieb li toqtlu jew li tqegħdlu ħajtu f'perikolu ċar, ippenetratu

biha. Hekk kif is-sikkina daħlet f'ġisem il-vittma, Analise Galea qabdet it-tfal tagħha, li dak il-ħin kienu għadhom f'dik id-dar, u telqet 'l barra. Fortunatament, fuq il-post marret ambulanza u ħadet lill-vittma Paul Galea l-isptar fejn hemmhekk hu ngħata l-kura immedjata u ma laħaqx miet.

Illi b'għemilha l-imsemmija Analise Galea saret ħatja ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe` talli dolożament, bil-ħsieb li toqtol persuna jew bil-ħsieb li tqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wriet dana l-ħsieb b'atti esterni u tat bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħha.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmija Analise Galea ħatja ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli dolożament, bil-ħsieb li toqtol persuna jew bil-ħsieb li tqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wriet dana l-ħsieb b'atti esterni u tat bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħha;
Talab illi jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkużata u illi hija tiġi kkundannata għall-piena ta' priġunerija minn seba' snin sa tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 41(1)(a), 211(1)(2), 216, 217, 218, 222, 31(1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużata.

Rat l-atti kollha proċesswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-Rikors Konġuntiv tal-Avukat Generali u tal-akkużata Analise Galea, tat-3 ta' Marzu, 2011, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1)(2) tal-Kodici Kriminali li fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużata għall-akkużi miġjuba kontriha, l-piena li għandha tigi inflitta fuqha minn din il-Qorti għandha tkun waħda ta' priġunerija għal periodu ta' sentejn (2) sospiżi ghal erba' (4) snin u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi oħra tassattivi għad-

dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9).

Rat in-Nota ta' l-Avukat Generali tad-29 ta' Marzu, 2011 li biha in vista tal-possibbli ammissjoni tal-akkużata fit-termini tar-rikors konġuntiv tat-3 ta' Marzu 2011, jiddikjara li huwa dispost illi f'każ li l-akkużata tammetti r-reat taħt l-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali huwa jaċċetta din l-ammissjoni bħala alternattiva għall-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża.

Rat illi waqt is-seduta tal-jum 19 ta' Mejju 2011, l-akkużata, mistoqsija jekk ihiex ħatja skond l-Att tal-Akkuża bl-alternattiva kif suġġerita mill-Avuakt Ġenerali fin-Nota tiegħu tad-29 ta' Marzu, 2011, wieġbet billi stqarret li hija kienet ħatja tar-reat taħt l-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali skont l-alternattiva mogħtija mill-Avukat Ġenerali għall-Ewwel u l-uniku Kap tal-Akkuża.

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużata b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-tweġiba w tatha ftit taż-żmien biex terga' lura minnha, kif obbligata li tagħmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-akkużata baqgħet jtenni t-tweġiba li hija kienet ħatja.

Tiddikjara ghalhekk lil Analise Galea ħatja talli fit-tnax (12) ta' Awwissu tas-sena elfejn u seba' (2007), għall-ħabta tat-tlieta nieqsin għaxra ta' filgħodu (2.50 am), dolożament, ikkaġunat offiża gravi fuq missierha ai termini tal-artikolu 218(1)(a).

Ikkonsidrat;

Qieset l-ammissjoni qabel ma ġie iffurmat il-ġuri, li pero' ma tistax tissejjaħ waħda bikrija għaliex la saret mal-preżentata b'arrest tal-ħatja u la saret waqt il-kumpilazzjoni.

Peress li, wara li ħadet kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u senjatament l-eta' tal-ħatja, il-kondotta ta' qabel tal-ħatja, u iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tar-reat, hija sodisfatta

li l-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u miżuri mitluba huma tali li jkun leġittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija għar-reat li dwaru l-ħatja ammettiet il-ħtija tagħha u peress li ma hemmx raġuni oħra skont il-liġi biex din il-Qorti tordna li jitkompla li jsir il-ġuri tal-każ, jidher li din il-Qorti għandha tgħaddi biex tagħti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet.

Din il-Qorti tħoss li f'dan il-każ partikolari għandha taderixxa għat-talba [1]konġuntiva magħmula skont l-artikolu 453A tal-Kodiċi Kriminali u għaldaqstant, wara li rat l-artikoli, 218(1)(a),u 533 tal-Kap 9 tikkundanna lill-ħatja**, Analise Galea** għall-piena ta' sentejn priġunerija li għandhom jibqgħu sospiżi għall-erba' snin kif ukoll tikkundannha tħallas is-somma ta' elf, erba' mija w tnejn u sittin Euro u erba' w għoxrin ċenteżmu (€1462.24)**,** rappreżentanti l-ispejjeż tal-perizji inkorsi f'dan il-proċess, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjeż tal-perizji ma jitħallsux fi żmien ħmistax-il jum mil-lum, jiġu konvertiti f' terminu ta' priġunerija skont il-liġi. Il-Qorti spjegat ukoll x'inhuma l-effetti tal-artikolu 28A tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Ara Rikors Konġuntiv tat-3 ta' Marzu, 2011.